Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 51**

**Data:** Il-Ħamis, 28 t' Ottubru 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Amministrattiva Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali / Online fuq Microsoft Teams

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Attendew online:**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru

**Mistiedna:**

Emeritus l-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca - The Malta Foundation for the Wellbeing of Society
Is-Sa. Lorella Gatt – The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**51.1 Ittri ta' Apoloġija**

51.1.1 Il-President inform li Dr. Azzaoprdi kif ukoll s-Sur Michael Fenech Adami talbu li jkunu skużati minħabba li Dr. Azzopardi kellu attivitajiet relatati ma' Jum Għawdex filwaqt li s-Sur Fenech Adami kien jinstab imsiefer fuq proġett li l-AKL kienet qed tieħu sehem fih.

51.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-apoloġiji preżentati.

51.1.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv qabel li għandu jkun hemm sospenzjoni tal-Aġenda sabiex l-Emeritus l-Eċċelenza Marie Louise Coleiro Preca tkun tista' tindirizza lill-Eżekuttiv.

**51.2 Il-Kunsill Reġjonali ta' Tfal – The Malta Foundation for the Wellbeing of Society**

51.2.1 L- Eċċelenza Marie Louise Coleiro waqt li tat merħba lil dawk preżenti, bdiet billi għamlet referenza għall-Kunċett – Kunsill Reġjonali ta' Tfal. Dokument preżentat jinstab anness mal-Minuti u mmarkat bħala Dok A.

51.2.2 L- Eċċelenza Marie Louise Coleiro għamlet ukoll preżentazzjoni qasira fuq il-Kunsill Reġjonali ta' tfal u anki kif dan ġie amalgamt sabiex mal-politika tal-Gvern Lokali. Preżentazzjoni annessa mal-minuti u mmarkata bħala Dok B.

51.2.3 L- Eċċelenza Marie Louise Coleiro fakkret ukoll li s-Sibt, 30 t' Ottubru, il-Presidenti Reġjonali kienu mistiedna għal-laqgħa li kienet ser issir mal-Kunsill ta' tfal.

51.2.4 il-President kif ukoll l-Eżekuttiv qablu mal-kunċett preżentant u wiegħdu l-ħidma tagħhom favur dan il-proġett u sabiex ikun tisħieħ fil-parteċipazzjoni ta' tfal fid-deċiżjonijiet anki fuq bażi lokali.

**51.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.50**

51.3.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

51.3.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**51.4 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 50**

**51.4.1 Fun Run tal-President**

Il-President semma li jidher li fl-ewwel jiem li fetħu r-reġistrazzjonijiet dawn kienu għadhom baxxi. Għaldaqstant, il-President talab lill-Presidenti Reġjonali sabiex jassistu fejn iħossu l-ħtieġa u fejn hemm lokalitajiet li jaraw li hemm numru baxx ta' reġistarzzjonijiet. Fil-jiem li ġejjin semma li l-AKL wkoll ser tkun qed tidentifika xi punti strateġiċi fejn jistgħu jintramaw xi stalls sabiex isir biegħ minn barra mill-uffiċjni tal-Kunsill Lokali.

**51.4.2 Sejħa għall-AEDs**

Il-President semma li kien hemm konferma mir-Reġjun Xlokk u Reġju Ċentru sabiex ikunu parti minn din is-sejħa. Semma li s-sejħa ser tkun qed toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.

**51.4.3 Interactive Screen**

Il-President semma li l-AKL kienet marret għall-offerta li kellha l-ispeċifikazzjonijiet kollha. Semma li dan ser ikun qed jitwaħħal fil-ġimgħat li ġejjin.

**51.4.4 Ħlasijiet sabiex isir Infurzar mill-LESA**

Il-President semma li għadhom għaddejin il-laqgħat sabiex possibbilment jinstab qafas sabiex il-Kunsilli Lokali ma jidħlux fi spejjeż daqshekk kbar sabiex jagħmlu l-infurzar fil-lokalita'.

**51.4.5 Konferenza UDITE**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda ma' xi Segretarji eżekuttivi oħra kif ukoll il-President tal-ANSEK għall-konferenza tal-UDITE ġewwa Metz fi Franza.

**51.4.6 Il-Kunsill.com**

Il-President semma li l-website li ser tkun qed tintuża sabiex jittellgħu dokumenti ta' linji gwida ser ikun jisimha il-kunsill.com u qiegħda fil-proċessli tiġi konkluża.

**51.4.7 Onorarja tas-Sindki**

Il-President semma li għadhom għaddejjin b' diskussjonijiet sabiex Sindki li l-unika dħul tagħhom ikun l-Onorarja sabiex ikunu jistgħu jħallsu l-bolla fuq dan id-dħul. Is-Sur Aquilina staqsa jekk l-onorarja tistax titnaqqas bħala part-time. Il-President wieġeb li l-onorarja titqies bħala other income.

**51.4.8 Korsijiet tal-IPS**

Il-President semma li IPS qed jorganizzaw diversi sessjonijiet ta' taħriġ li huma mingħajr ħlas li huma informattivi ħafna għas-Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Il-President semma li s-Segretarja tal-AKL qed tattendi diversi sessjonijiet li bħal issa qed jinżammu online fosthom Entry into Senior Manangement u anki korsijiet fuq procurment. Semma li minkejja li dawn il-korsijiet huma online u li huma mingħajr ħlas ma jidhirx li qed ikun hemm attendenza minn ħaddiema u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

51.4.9 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-18:19

**51.4.10 Jimmy Magro**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali intalbet tibgħat rappreżentant għax-xhieda fil-każ li l-Pulizija fetħu kontra Jimmy Magro. Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv telgħet tati xhieda ta' dokumenti li juru kuntratti ta' impjig li s-Sur Jimmy Magro kellu mal-Assoċjazzjoni u xi dokumenti oħrajn relatati mal-konnessjoni tiegħu mal-Assoċjazzjoni bħala impjegati, inkluż payslips tas-Sur Magro. Il-President semma li ġie preżentat kuntratt ta' imjig tas-Sur Magro bħala Segretarju Eżekuttiv tal-AKL, dan kien iffirmat 2007. Semma li f' Mejju 2011 sar addendum tal-kuntratt fejn is-Sur Magro beda jingħata allowance ta' €800 bħala allowance relatata ma' project manager. Filwaqt li fis-sena 2013 sar kuntratt fuq bażi part-time fejn is-Sur Magro ħa l-kariga ta' Special Advisor. Spjega li minkejja dan f' records miġbura mill-Jobsplus kien jidher li s-Sur Magro kien impjegat tal-AKL bejn 2 ta' Lulju 2007 sa 31 t' Ottubru 2009. Għaldaqstant il-kumplament ta' tal-perjodu li kien impjegat mal-AKL ma jidhirx li hemm engagment forms li juru dan.

## 51.5 Komunikazzjoni mill-President

**51.5.1 Fixed Account**

Il-President propona li l-AKL għandha iżomm fiss il-kont bankarju li fih hemm €600,000. Semma li dan il-kont għandu jiġi estiż għal sena oħra. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-fixed account jiġi estiż għal- sena oħra.

**51.5.2 Green Wall u Green Roof AKL**

Il-President semma li l-kuntrattur bagħat l-agreement iffirmat u ser ikun qed jibda x-xogħlijiet.

**51.5.3 COP 26**

Il- President semma li l-AKL kienet bagħtet ritratt u kapxin sabiex jiġu imxerda fuq Twitter tal-PES. Ħeġġeġ lil dawk interessati sabiex jagħmlu l-istess.

**51.5.4 Water and Energy Agency**

Il-President li kellu laqgħa mal-Water and Energy Agency rigward sistema ta' batteriji li jiġu nsallati f' żoni pubbliċi sabiex fihom tiġi storjata enerġija li

eventwalment il-Kunsilli jkunu jistgħu jużaw biex pereżempju jixgħelu ġonna pubbliċi. Semma li ser ikun qed jinforma lir-Reġjuni sabiex isibu Kunsilli Lokali li jkunu interessati li jidħlu fi proġett pilota.

**51.5.5 TSI**

Il-President semma li l-AKL kienet waslet biex tagħlaq l-applikazzjoni għall-proġett taħt TSI. Semma li l-proġett ser ikun ta' madwar nofs miljun.

**51.5.6 Bus Shelters**

Il-President semma li 365Holdings talbu lil PCRB sabiex ikomplu jisimgħu l-każ minkejja li dan qed jinstemma l-Qorti wkoll. Semma li l-AKL bagħtet is-sottomissjonijiet tagħha wkoll f' dan ir-rigward.

**51.5.7 ClimateOn Conference**

Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għall-konferenza ClimateOn organizzata mill-Ministeru għall-Ambjent.

**51.5.8 Sejħa Organic Waste collection**

Il-President semma li wara l-appell li kien hemm il-PCRB issa qegħdin fil-perjodu fejn wieħed irid jistenna biex jara jidħlux appelli quddiem il-Qorti. Semma li min-naħa l-oħra qed jikkomunika mal-Ministeru tal-Ambjent sabiex jiġi ffirmat l-MoU u jagħddu l-fondi għand l-AKL.

**51.5.9 Post Vakant AKL**

Il-President semma li l-call kienet ħarġet internament u ma applika ħadd. Semma li kienu qed issiru l-arranġamenti kollha mal-Jobsplus biex il-call toħroġ esternament.

**51.5.10 Kunsill tal-Anzjani**

Il-President semma l-Kunsill tal-Anzjani jixtieq jiltaqa' mal-Presidenti Reġjonali. Semma li għandu jagħddi l-kuntatti lir-Reġjunoi sabiex ikun jistgħu jikkomunikaw magħhom.

**51.5.11 IT audit**

Il-President semma li kien sar IT Audit tal-AKL, semma li dan l-audit huwa wieħed ta' rutina u jidher li sab li kollox jinstab tajjeb ħlief li għandhom issiru updates fuq żewġ laptops tal-ħaddiema. Semma li qed jistennew xi kwotazzjonijiet imma in-nefqa hija waħda minima.

**51.5.12 Allokazzjoni AKL**

Il-President semma li wara ħafna laqgħat li kienu saru matul is-sena, l-AKL kienet ser tirċievi €475,000 f' allokazzjoni għas-sena 2022.

**51.5.13 Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet**

Il-President semma li l-proġett kien beda f' wħud mill-lokalitajiet. Fejn bdew jitwaħħlu silos sabiex ikun hemm fejn

jinxteħet l-ikel. Il-President semma li ser ikunu qed illaqgħu t-tieni cohort ta' Kunsilli Lokali.

**51.5.14 Laqgħa ta' diskussjoni flimkien mal-Pulizija tal-Komunita' u CPD**

Il-President semma li l-AKL organizzat sessjoni ta' diskussjoni. Semma li minkejja l-attendenza ma kinitx waħda kbira imma kien sodisfatt li min attenda ippartecipa.

**51.5.15 Ingaġġ ta' Ħaddiema AKL**

Il-President semma li kif l-AKL talbet għall-approvazzjoni ta' Diviżjoni sabiex tkun tista' tiftaħ post vakant mal-Jobsplus, l-HR tad-Diviżjoni innotifika lill-AKL li dan mhuwiex possibbli minħabba li l-AKL skond il-liġi Artiklu 28, f' Kapitlu 363.06 jistipula li l-AKL għandu jkollha biss żewġ ħaddiema. Il-President semma li huwa kkomunika mad-Diviżjoni sabiex jinfrumahom li l-AKL kien diġa għandha erba' impjegati u ħadd qatt mid-Diviżjoni ma rrimarka. Fid-dawl ta' dan kollu, l-President għamel talba lid-Direttur Ġenerali sabiex Kap. 363.06 jiġi analizzat u jkunu proposti xi emedni li hemm bżonn isiru u li qatt ma saru. Il-President talab lill-Eżekuttiv sabiex minn ikun interessat jaqra il-Kapitlu u jipproponi fejn jaħseb li għandu jkun hemm xi tibdil.

**51.5.16 Applikazzjoni LESA**

Il-President semma li l-AKL kienet issottomettiet l-applikazzjoni għall-fondi tal-LESA sabiex ikun hemm estensjoni u implimentazzjoni tal-proġett propost taħt l-ewwel applikazzjoni. Semma li peress li d-data tas-sottomissjonijiet kienet tagħlaq qabel il-Laqgħa tal-Eżekuttiv, l-applikazzjoni għaddiet lil LESA u ġew infurmati li l-AKL ser tressaq din il-proposta fil-laqgħa li jmiss. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva din l-applikazzjoni.

**51.5.17 Flag Poles**

Il-President semma li ġew ordnati 66 arblu li jistgħu jintużaw ġewwa u sabiex jintramaw waqt il-konferenzi u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni. Semma li din kien innotifika bihom lill-Eżekuttiv permezz ta' email qabel il-Laqgħa minħabba li l-prezz ta' dawn l-arbli kien ta' madwar €6,000 u ser ikunu qed jinġibu minn barra minn Malta.

**51.5.18 Reġjun Xlokk**

Il-President semma li wara li kien hemm problemi amministrattivi ġewwa Reġjun Xlokk, il-President tar-Reġjun kien għadda vot ta' sfiduċja lis-Segretarju Eżekuttiv. Semma li fid-dawl ta' dan kollu l-AKL intalbet li tassisti fl-amministrazzjoni tar-Reġjun u għaldaqstant semma li s-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL ġiet maħtura bħala Aġent

Deputat Segretarju Eżekuttiv Reġjun Xlokk.

**51.5.19 Norway Grant Board**

Il-President semma li l-AKL hija rappreżentata fuq in-Norway Grants board li jiltaqgħa sabiex jiddiskuti u anki japprova proposti sottomessi mill-Kunsilli Lokali. Semma li kine talab lill-Board sabiex jiltaqgħa f' ħinijiet wara nofs inhar sabiex l-AKL tkun tista' tiġi rrappreżentata. Semma li minkejja s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għal dawn il-laqgħa, hija ma jkolliex vot imma tattendi bħala osservatur.

**51.5.20 Kunsill Lokali Sliema**

Il-President semma li l-AKL kienet ġiet ikkupjata b' ittra mill-Kunsill Lokali Sliema minħabba li kien hemm kontijiet tad-dawl u ilma pendenti ta' Ġnien Bonello De Puis. Dan minħabba xi kontijiet li għaddew fuq il-Kunsill mingħajr ma' l-Kunsill iffirma l-ebda dokumenti. Il-President semma li ser ikun qed jattendi laqgħat kemm mal-Kunsill kif ukoll ma' l-ARMS sabiex jaraw kif il-problema tista' tiġi riżolta.

**51.5.21 Bring in Sites**

Il-President semma li kienet intbgħatet ittra lil ERA rigward il-Bring in Sites minħabba li jridu jimmultaw lill-Kunsilli Lokali minħabba n-nuqqas ta' Bring in Sites li hemm fil-lokalita'.

**51.5.22 Coaching Clinic Courses**

Il-President semma li l-AKL kienet attendiet għal sessjoni fuq korsijiet li joffru l-Coaching Clinic.

**51.5.23 Plakka bl-ismijiet tal-Presidenti u Viċi Presidenti AKL**

Il-President propona li fl-AKL għandha issir plakka li fuqha jiġu engraved l-ismijiet u d-dati li servew fihom il-President u l-Viċi Presidenti tal-AKL. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Cordina, l-Eżekuttiv approva din l-inizjattiva.

**51.5.24 Board ta' Strateġija fuq l-Ambjent**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għamlet ilment formali lil ERA wara i kien innutat li ġie ffurmat Board ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent u l-Kunsilli Lokali ma ġewx rappreżentati.

**51.5.25 Delegazzjoni Entente Florale**

Il-President semma li fit-8 ta' Novembru 2021 kienu ser jaslu Malta delegazzjoni ta' Entente Florale. Semma li l-AKL kienet ser tkopri l-akkomodazzjoni ta' din id-delegazzjoni kif ukoll kienet ser tieħu ħsieb li tipprepara tliet ijiem programm.

| | |
|---|---|
| **51.5.26 Ittra mill-ERA** | Il-President semma li kienet intbgħatet ittra mill-ERA kemm lill-GreenPak kif ukoll lil GreenMt rigward l-obbligu tagħhom li jiġbru skart riċiklat. |
| **51.5.27 Internal stabilised Green Wall** | Il-President semma li dan il-proġett kien ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin. |
| **51.5.28 Kwotazzjonijiet** | Il-President preżenta lill-Eżekuttiv sensiela ta' kwotazzjoni li kienu inġabru sabiex saru laqgħat fi swali differenti u anki ta' caterIng lI ġle ordnat. |
| **51.5.29 Diviżjoni għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li wara l-problemi amministrattivi li ġew evidenti wara ftit tal-jiem biss wara li l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv bdiet taħdem, jisher biċ-ċar li hemm bżonn li jkun hemm aktar moniteraġġ u anki proċessi dixxplinarji serji f' dan ir-rigward u li jridu jittieħdu kemm mid-Dipartiment tal-Moniteraġġ kif ukoll tal-Compliance fi ħdan id-Dipartiment. Semma li ser ikun hemm laqgħa mal-ANSEK sabiex flimkien jipproponu metodi li bihom dawn id-Dipartiment jistgħu jgħinu sabiex l-amministrattiv tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali jkun aktar effiċjenti u kontabbli. Semma li huwa jagħti wkoll tort lil diversi Sindki u Kunsilliera li bħal donnhom qed iħallu kollox għaddej. |
| **51.5.30 European Local Democracy Week** | Il-President semma li l-AKL qiegħda fil-proċess li timla l-applikazzjoni sabiex tkun sieħeb fil-European Local Democracy Week. |
| **51.5.31 Christmas Kids Party** | Il-President semma li l-Christmas Kids Party ser issir fit-8 ta' Diċembru u li għalih bdew jinġabru r-reġistrazzjonijiet. |
| **51.5.32 AKL Ikla tal-Milied Eżekuttiv** | Il-President propona li nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru l-Eżekuttiv kif ukoll il-ħaddiema tal-AKL ikunu mistiedna għall-ikla tal-Milied. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jorganizza din l-ikla. |
| **51.5.33 Gala Night AKL** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet ġabret il-kwotazzjonijiet għal din l-attività'. Semma li l-kwotazzjonijiet għall-Gala Night fid-dati ta' żmien il-Milied kienu ferm għoljin. Semma li għaldaqstant qed jipproponi li ser ikun qed imur għall-orħos offerta għal seated dinner. |

**51.5.34 Sejħa għall-EU Co-Ordinator fuq affarjiet relatati ma' CoR u CoE.**

Il-President propona li peress li x-xogħol relatat ma' CoR kif ukoll CoE beda ġej ftit ftit għan-normal beda jiżdied ukoll xogħol amministrattiv bħal rapporti, u laqgħat li normalment kien jattendi għalihom l-Koordinatur fuq affarjiet Ewropej. Semma li qabel il-pandemija kien wasal biex jiskadi ftehim għal dan is-servizz u minħabba r-restrizzjonijiet fuq vjaġġar minħabba l-pandemija din is-sejħa ma kinitx ħarġet. Semma li parti minn danix-xogħol kien qed jagħmlu hu u parti s-Segretarju Eżekuttiv. Il-President propona li għanda terġa' tinħareġ is-sejħa sabiex fil-bidu tas-sena 2022 jibda jerġa; jingħata dan is-servizz. Fuq proposta tal=President isskondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din is-sejħa.

**51.5.35 PR and Media Editor**

Il-President semma li l-AKL kienet għaddeja b' xogħol bla waqfien li jemmen li ħafna minnu kien qed jintilef minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni fuq il-media soċjali u anki siti. Għaldaqstant, il-President propona li l-AKL għandha toħroġ rikjesta għall-kwotazzjoni għall-servizz ta' PR u Media Editor. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Mark Grech, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

**51.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju – it-Tielet Kwart tas-Sena 2021.**

51.6.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2021.

51.6.2 Fuq proposta tal-President issekondatat mis-Sur Jesmond Aquilina u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**51.7 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 50**

51.7.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joseph Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru u l-28 t' Ottubru 2021 li kienet tammonta għall-€332,038.61.

**51.8 Affarjiet Oħrajn**

51.8.1 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li wieħed għandu jikkonsidra l-iskala li fiha qegħdin is-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun. Semma li dawn ser ikunu responsabbli minn madwar sitt managers għaldaqstant ir-responsabbilita' żdiedet. Il-President semma li minkejja li jaqbel ma' partijiet ta' dak li qed isemmi s-Sur Aquilna xorta ma jemminx li kull Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun jimmeritah li jitla' għal skala 5.

51.8.2 Il-President semma li l-AKL m' għandiex għalfejn tkun preżenti fuq il-Board tal-Għażla għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Reġjonali/ Lokali. Semma li kien ikkomunika wkoll mad-Diviżjoni u kellhom jerġgħu jirrevedu l-linji gwida.

**51.9 Aġġornament**

51.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 23 ta' Novembru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.52 li nżammet nhar it-Tlieta, 23 ta' Novemebru 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

Dok A

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

Kunċett – Kunsilli Reġjonali tat-tfal

Il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta' taħdem bis-sħiħ sabiex dejjem toħloq spazji siguri li jinkoraġġixxu u jippermettu lit-tfal ikollhom vuċi u jkunu ċittadini attivi permezz ta' parteċipazzjoni attiva u fl-istess ħin jgħinu lill-adulti jifhmu l-kwistjonijiet tat-tfal minn għajnejn it-tfal.

Dak li beda bħala vuċi ċkejkna fil-Proġett il-Ġnien Sigriet tal-President lura fl-2014, evolva f'diversi proġetti u inizjattivi li issa huma kejl ta' prattika tajba f'Malta u barra.

Il-ħidma mwettqa mill-Fondazzjoni hija motivata mill-prinċipji ewlenin tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) Artikolu 12 li jasserixxi li t-Tfal u ż-Żgħażagħ għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament u li hemm obbligu li l-adulti għandhom jisimgħu l-fehmiet tat-tfal u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom fi ħdan il-familja, l-iskola, il-komunitajiet lokali, is-servizzi pubbliċi, l-istituzzjonijiet, il-politika tal-gvern u l-proċeduri ġudizzjarji.

Ix-xogħol huwa ugwalment motivat minn prinċipji meħuda mill-edukazzjoni għall-paċi. Iċ-Children's Hub fi ħdan l-istess Fondazzjoni, huwa kruċjali għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' parteċipazzjoni tat-tfal.

Lura fl-2014, iċ-Children's Hub waqqaf il-Kunsill tat-Tfal u ż-Żgħażagħ li wara ftit żmien xpruna proċessi oħra fosthom il-Kunsill tat-Tfal ta' Għawdex u Djalogu bejn tfal ta' reliġjonijiet differenti, fost oħrajn.

## Kunsilli Reġjonali tat-Tfal

Fl-2021, il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ffaċilitat proċess interessanti ħafna li huwa innovattiv fl-istorja tad-drittijiet tat-tfal f'Malta; l-involviment ta' tfal fir-reviżjoni tal-Politika tal-Gvern Lokali.

Dan il-proċess kompla jenfasizza l-importanza li t-tfal jingħataw vuċi peress li l-parteċipazzjoni attiva tagħhom, tgħinhom jiżviluppaw personalment kif ukoll jitgħallmu li l-kontribut tagħhom huwa importanti u apprezzat fil-kuntest tal-familja, l-iskola, il-komunità, is-soċjetà u l-pajjiż in

ġenerali. It-tfal li parteċipaw ħassew il-bżonn li jitkellmu fuq il-belt jew raħal tagħhom, ħassew il-bżonn li jipparteċipaw u jiddiskutu fuq il-Kunsill Lokali tal-lokalita tagħhom; it-tfal jafu li huma parti mil-komunita. It-tfal huma parti importanti ferm fil-lokalita iżda sfortunatament, ma jingħatawx l-ispazju li jistħoqqilhom biex jipparteċipaw u jkunu ċittadini attivi fil-komunitajiet tagħhom.

Wara li dan il-proċess wasal fi tmiemu, it-tfal infushom esprimew ix-xewqa li diskussjonijiet bħal dawn jibqaw għaddejjien. Għalhekk it-tfal flimkien mat-tim tal-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta, ħolqu l-ideja li f'Malta u Għawdex ikollna il-Kunsilli Reġjonali ta' Tfal fejn it-tfal eletti li jiffurmaw il-Kunsill ikunu jistaw dejjem jgħinu lil adulti membri jtejjbu il-ħajja fir-reġjun għall kulħadd; kemm il-ħajja ta' l-adulti kif ukoll il-ħajja ta' tfal.

# KUNSILLI REĠJONALI TAT-TFAL

Malta, 2021

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

Kunċett miktub mit-tfal membri tal-Kunsil tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fi ħdan il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta

# Artiklu 12

## Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC)

Il-ħidma mwettqa mill-Fondazzjoni hija motivata mill-prinċipji ewlenin tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) Artikolu 12 li jasserixxi li t-Tfal u ż-Żgħażagħ għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament u li hemm obbligu li l-adulti għandhom jisimgħu l-fehmiet tat-tfal u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom fi ħdan il-familja, l-iskola, il-komunitajiet lokali, is-servizzi pubbliċi, l-istituzzjonijiet, il-politika tal-gvern u l-proċeduri ġudizzjarji.

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

KUNSILLI REĠJONALI TAT-TFAL - MALTA, 2021

# Politika tal-Gvern Lokali

Fl-2021, il-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ffaċilitat proċess interessanti ħafna li huwa innovattiv fl-istorja tad-drittijiet tat-tfal f'Malta; l-involviment ta' tfal fir-reviżjoni tal-Politika tal-Gvern Lokali.

Wara li dan il-proċess wasal fi tmiemu, it-tfal infushom esprimew ix-xewqa li diskussjonijiet bħal dawn jibqaw għaddejjien. Għalhekk it-tfal flimkien mat-tim tal-Fondazzjoni, ħolqu l-ideja li f'Malta u Għawdex ikollna il-Kunsilli Reġjonali ta' Tfal fejn it-tfal eletti li jiffurmaw il-Kunsill ikunu jistaw dejjem jgħinu lil adulti membri jtejjbu il-ħajja fir-reġjun għall kulħadd; kemm il-ħajja ta' l-adulti kif ukoll il-ħajja ta' tfal.

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society




## 1. Għaliex hemm bżonn il-Kunsilli Reġjonali tat-Tfal?

- It-tfal jitgħallmu jkunu ċittadini aħjar peress li jitgħallmu kif jesprimu lilhom infushom aħjar u jaħsbu b'mod kritiku.
- It-tfal huma parti integrali mill komunita
- It-tfal għandhom dritt li jsemmaw leħinhom f'dak kollhu li għandu x'jaqsam magħhom

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

## 2. Għaliex il-komunità għandha bżonn il-Kunsilli Reġjonali tat-Tfal?

- It-tfal jikbru emozzjonalment, intellettwalment u fiżikament kemm permezz tar-relazzjonijiet tagħhom kif ukoll permezz tal-komunità tagħhom.
- Għat-tfal, l-involviment u l-impenn tal-komunità jipproduċi benefiċċji fit-tul f'ħajjithom. Jagħtihom sens ta' appartenenza u huwa kruċjali għall-bini tal-identità tagħhom.
- Qawl popolari li jgħid, **jeħtieġ raħal sħiħ biex irabbi tifel jew tifla**, jipproduċi messaġġ ċar li jfisser, "il-komunità kollha għandha rwol essenzjali x'taqdi fit-tkabbir u l-iżvilupp tat-tfal u taż-żgħażagħ tagħha."

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society